# PAWLU XUEREB (3)

## 25 sena minn mewtu



ROBERT ALOISIO / robertaloisio@gmail.com

Nhar il-Ġimgħa li għaddiet kien il-25 anniversarju mill-mewt ta' Pawlu Xuereb, li kien serva bħala Aġent President ta' Malta bejn is-16 ta' Frar 1987 u l-4 ta' April 1989. Fl-awtobijografija tiegħu, Lino Spiteri jsejjaħlu "l-Aġent tal-Poplu" u jgħid li kien raġel kwiet u ta' ftit kliem, iżda li ħadd u xejn ma kien jitliflu l-ħeġġa jew ixel-liflu l-impenn u l-integrità tiegħu.

### EŻEMPJU TA' INTEGRITÀ

Martu Edwige rrakkuntatli meta darba, fis-snin tmenin, partitarju Laburista mar jitolbu għajnuna wara li kien tefa' flixkun f'każin Nazzjonalista u għamel ħsara iktar milli ried. Imma Pawlu Xuereb qallu li ma kienx bagħtu hu jitfa' l-flixken u issa hu ried jara kif joħroġ mill-bawxata li daħal fiha. Eżempji bħal dawn qaltli Edwige kellu iżjed u kienu jtellfulu ħafna voti fl-elezzjoni imma Paul kien rett u ta' prinċipju. Il-vjolenza ma kienx jaċċettaha.

Semmietli wkoll meta negozjant Malti magħruf mar jitolbu jissellef somma flus kbira fiż-żmien meta Xuereb kien chairman tal-Mid-Med Bank u meta Xuereb qallu li s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu ma kinitx tippermetti dak is-self kollu, in-negozjant offrielu somma kbira ta' flus jekk jaċċetta xorta waħda. Xuereb qam bilwieqfa u keċċieh 'il barra u qallu li hu ma setax jagħmel li jrid bi flus il-poplu.

### AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

F'Jannar 1987, wara li s-sitwazzjoni preċipitat bil-qtil taż-żagħżugħ Raymond Caruana f'każin Nazzjonalista, il-Gvern Laburista u l-Oppożizzjoni Nazzjonalista għaddew mill-Parlament emendi fil-Kostituzzjoni biex il-partit li jġib maġġoranza ta' voti jiggverna u mhux bis-siġġijiet.

Ftit wara, fis-16 ta' Frar 1987, fl-aħħar seduta tal-ħames leġislatura tal-Parlament, il-Gvern u l-Oppożizzjoni qablu li Pawlu Xuereb jinħatar Aġent President ta' Malta. Martu Edwige qaltli li din kienet l-ewwel darba li l-Parlament qabel fuq l-għażla ta' Kap tal-Istat b'mod unanimu, ħafna qabel dik ta' George Abela.

It-terminu tal-President Agatha Barbara kien intemm dak ix-xahar u ma nħassx li jkun xieraq li l-Gvern jinnomina President meta l-elezzjoni riedet issir f'mhux iktar minn tliet xhur oħra. Fi kliem Lino Spiteri, "ftit bassru kemm Paul ma kienx se joqgħod fuq is-siġġu temporanju biex isaħħnu biss".



Pawlu Xuereb kien Aġent President għal ftit aktar minn sentejn

Kif qalli Leo Brincat, "minkejja l-fehmiet u t-twemmin sodi tiegħu, huwa kien ta' eżempju għal ħafna meta serva b'integrità kbira bħala Aġent President ta' Malta fi żmien ta' tranżizzjoni xejn faċli f'mumenti".

Edwige rrakkuntatli wkoll kif saret taf li żewgħha kien se jinħatar Aġent President. L-ewwel li qalilha bid-"diċerija" kien Salvu Giordimaina li kien jaħdem ta' ġardinar fil-Palazz ta' Sant'Anton (u jiġi missier il-kantant Paul Giordimaina). Edwige ma riditx temmen billi ma kinux ilhom wisq li għamluh Speaker.

Meta kellmet lil żewġha, dan qalilha: "U ħallina! U ma joqogħdux jivvintaw." Edwige qaltlu biex, jekk dan ikun se jseħħ tassew, jgħidilha hu u mhux tisma' l-ewwel mingħand ħaddieħor. Għaddew biss ftit ġranet u dan l-għajdut ġie kkonfermat minn Pawlu nnifsu meta ċemplilha kalm kalm mill-Parlament. Edwige tiftakar tagħti l-aħbar lil bintha ta' sitt snin, li din min-naħa tagħha għolliet il-pupa li kellha f'idha u bieset lil ommha.

### F'ĠIEĦ ALLA, IEQFU!

Iżda l-kampanja elettorali li kienet ġejja, dik tal-1987, kienet fost l-aktar qliel u fiha nqalgħu bosta inċidenti koroh. Wara l-inċidenti vjolenti fir-Rabat, raħal twelidu, fil-5 ta' April 1987, l-Aġent President Pawlu Xuereb, f'xandira diretta, mingħajr preċedent, għamel appell imqanqal minn fuq it-televiżjoni biex tieqaf immedjatament il-vjolenza. "Dik is-siegħa mudlama uriet x'kien isarraf Paul Xuereb," jgħid Spiteri. Xuereb tkellem hekk, b'passjoni kbira, bla karti quddiemu:

"Qed nidher hawn quddiemkom illejla, Poplu ta' Malta u Għawdex għax daqsi tafu n-numru issa allarmanti ta' inċidenti vjolenti li qegħdin jiġru f'pajjiżna kważi kuljum, aktar u aktar kull meta jkun hemm xi meeting jew dimostrazzjoni politika. Xbajt naqra fuq dawn l-inċidenti. U m'għandi ebda dubju li intom, Maltin u Għawdxin, xbajtu daqsi. Dawn l-inċidenti lilna, poplu Nisrani u ċivilizzat, jagħmlulna għajb, u juruna f'għajnejn il-barrani dak li m'aħniex – poplu barbaru u selvaġġ."

"Iż-żewġ naħat u għaqdiet oħra qed jappellaw lill-partitarji biex ma jirrikorrux għall-vjolenza, lanqas jekk jiġu provokati. Jien, bħala Aġent-President tar-Repubblika, għamilt l-istess appell kemm-il darba. B'dispjaċir ikolli nammetti li dawn l-appelli ftit ħallew effett."

"Għalhekk qed nidher quddiemkom illejla biex b'urġenza nappella: aqtgħuha l-vjolenza, għax il-maġġoranza tal-Maltin – miż-żewġ naħat – issa xebgħu jaraw u jaqraw dwar ġlied bla sens, korrimenti u mwiet għalxejn! Ma nkomplux nagħmlu aktar deni u ħsara lil xulxin. Il-poplu qiegħed jgħidilkom: f'ġieħ Alla, ieqfu! Ieqfu qabel ma jkun tard wisq. Ħadd mhu se jirbaħ bil-vjolenza. Jitlef kulħadd." (DOI, 5 ta' April 1987)

### AĦNA LKOLL MALTIN

In-neputija tiegħu Josianne, qaltli: "Niftakru b'qalbu mugħugħa ħafna dak iż-żmien. Kien saħansitra rrabja u b'qalb mugħugħa qal: 'F'ġieħ Alla ieqfu. Ieqfu!' Sintendi kien hemm min ma fehemx dal-kliem u ħareġ igerger li z-ziju semma lil Alla fuq it-televiżjoni. Iżda naħseb li lkoll nifhmu li hu ma setax ma tkellimx hekk, għax wara kollox Alla ma jridx ġlied iżda paċi u billi nsemmu ismu b'dan il-mod ma huwa xejn ħażin... anzi. Ikolli ngħid li dik il-karba għamlet l-effett fuq ħafna."

Alfred Sant jgħid hekk fuq dawn iż-żminijiet: "L-aqwa tifkiriet li għandi tiegħu huma ta' Pawlu Xuereb bħala bniedem li fl-aktar ħinijiet delikati u importanti kien jaf jibqa' Pawlu Xuereb li qiegħed jagħraf li ċ-ċittadini f'pajjiżna huma lkoll Maltin. Hu kien jagħmel dan mingħajr ebda ħsieb falz, imma b'għarfien sħiħ ta' kif matul ħajtu kien bata u sofra d-daqqiet ta' min ma kellux il-lealtà tiegħu, speċjalment fost l-avversarji li kellu fil-ħajja politika tiegħu."

"... Aħna niftakru lil Pawlu Xuereb fi żminijiet mill-iktar delikati fl-istorja ta' pajjiżna fejn permezz tal-ħidma tiegħu, tal-pariri li ta u tad-deċiżjonijiet li kien parteċipanti fihom, twettqu bidliet u ttieħdu deċiżjonijiet li wrew u kkonfermaw mill-bidu sa l-aħħar l-impenn tal-Maltin kollha biex tabilħaqq ikun hawn demokrazija dejjem għaddejja f'pajjiżna." (Parlament, 26 ta' Settembru 1994)

### JIBQA' FI ŻMIEN GVERN NAZZJONALISTA

L-elezzjoni ġenerali saret fid-9 ta' Mejju 1987 u ntrebħet mill-Partit Nazzjonalista, u Fenech Adami sar Prim Ministru għall-ewwel darba. Kien hemm min ippretenda li Pawlu Xuereb m'għandux jibqa' fil-kariga ta' Aġent President taħt Gvern Nazzjonalista. Jingħad li fl-1988, Mintoff kien talab lil Xuereb jirriżenja b'solidarjetà miegħu minħabba l-bini tal-Power Station f'Delimara li Mintoff kien qed jopponi bil-qawwa kollha.

Iżda Pawlu Xuereb baqa' fil-kariga sal-4 ta' April 1989, meta mbagħad il-Parlament



Pawlu Xuereb fil-ġurament tal-ħatra ta' Fenech Adami bħala Prim Ministru f'Mejju 1987

ħatar lil Ċensu Tabone bħala President ta' Malta. Ħafna stennew li Xuereb jagħmel t-terminu sħiħ ta' President, dak ta' erba' snin, iżda ma kellux ikun hekk. U baqa' jissejjaħ Aġent President meta fil-frattemp ma kien hemm ebda President ieħor, xi ħaġa li Edwige ddeskrivitha bħala: "xi ħaġa li bqajna qatt ma fhimna."


Pawlu Xuereb fuq il-lemin ta' Mintoff fil-ftuħ tal-Każin Laburista tar-Rabat fl-1969 li għalih Xuereb ħadem ħafna

## IL-PRESIDENZA BĦALA FORZA TA' UNITÀ NAZZJONALI

L-istoriku Simon Mercieca jagħti mertu lil Pawlu Xuereb għall-iżvilupp kostituzzjonali ta' pajjiżna: "It-triq 'il quddiem għall-bidla kienet stabbilita minn dan l-individwu minsi. Xuereb kien Laburist, imma kellu l-melħ biex jintebaħ li sa dak iż-żmien il-presidenza kienet għadha ma ħadmitx bħala forza ta' unità nazzjonali. Xuereb qiegħed il-ġebla tax-xewka għal dan il-għan. Dak li n-nazzjon ma nnutax dak iż-żmien kien li l-inkarigu ta' dan l-uffiċċju minn persuna ġejja mill-kamp politiku oppost kien xi ħaġa sana għar-Repubblika tagħna." (The Malta Independent, 23.12.14)

Eddie Fenech Adami kien qal hekk dwar Pawlu Xuereb: "L-aktar li sirt nafu mill-qrib kien fil-perjodu meta hu kien Aġent President ta' Malta u jien kont Prim Ministru. Kont nieħu pjaċir niltaqa' miegħu... u dejjem sibt fih bniedem li jifhem, japprezza u lest li jagħti sehmu... Kien bniedem li kellu dawn il-kwalitajiet tul ħajtu kollha; bniedem li lest li jagħti servizz mingħajr pretensjonijiet u mingħajr motivi ulterjuri." (Parlament, 26 ta' Settembru 1994)

## IMWARRAB MINN GVERN NAZZJONALISTA?

Iżda Dr Alfred Sant jagħti stampa differenti minn ta' Fenech Adami. Sant qalli hekk: "Għall-bidu tas-sena 1989, bħala deputat Laburista kont mistieden għal ikla San Anton mogħtija minn Pawlu Xuereb bħala Aġent President. Wara, Pawlu Xuereb ġibidni fil-ġenb u tkellimna dwar il-qagħda tal-pajjiż. Għalkemm ta' ftit kliem, dak li jgħid dejjem kien jiżnu sew qabel jgħidu. Xejn ma kien kuntent bil-pożizzjoni li hu sab ruħu fiha, qalli. Il-gvern kien jinjorah għal kollox, ma kien jikkonsultah u ma jinfurmah b'xejn, b'mod li meta jitkellem ma' barranin u Maltin, kien ikollu joqgħod lura milli jesprimi ruħu dwar dak li jkun għaddej."

"Tkellimna dwar l-ideat li ġieli ssemmew dwar żieda fil-poteri tal-President," kompla jgħidli Dr. Sant. "Jien għedtlu li ma naqbilx magħhom; minkejja x-xniegħat li kienu qamu dwar li l-gvern Nazzjonalista seta' kien interessat fihom, hu kien xettiku, anzi tani x'nifhem li minn kif kien qed jara l-affarijiet, il-verità kienet bil-maqlub, għax il-gvern ma ried jibdel xejn mill-istatus quo. Effettivament kellu raġun." (korrispondenza miegħi, 21 ta' Awwissu 2019)

Ta' fehma simili, l-Avukat Joe Brincat li kien Ministru fl-aħħar tas-snin sebgħin u Deputat Mexxej tal-Partit Laburista: "Paul Xuereb f'kelmtejn: kien raġel. Għalih, il-politika kienet missjoni u dedikazzjoni, u kien aktar moħħu fil-ġid komuni milli dak li jaqbel lilu. Jien niftakru l-Freedom Press fejn kien jagħti sehem qawwi qabel l-elezzjoni tal-1971 u mbagħad sar Ministru. Paul Xuereb ma nbidel xejn minn meta nafu qabel u wara. Dejjem baqa' l-bniedem ċajtier u ta' manjieri umli. Il-ħtiġijiet tal-pajjiż riedu li hu jokkupa l-pożizzjoni ta' Aġent President tar-Repubblika. Qeda dmiru bl-akbar lealtà. Kienu żminijiet diffiċli."

"L-agħar li kellu jagħmel bħala dover," qalli l-Avukat Brincat, "kien li jaqra d-Diskors tat-Tron (f'Mejju 1987), kif isejħu d-diskors tal-ftuħ tal-Parlament, u l-Partit Nazzjonalista kiteb diskors partiġġjan għall-aħħar u bi tmaqdir lejn il-gvernijiet ta' qabel Laburisti. Id-dover kien li jaqrah. In-nies ma fehmuhx. Hekk hija x-xorti ta' bniedem sew. Imma tibqa' tebgħa fuq l-istorja tal-politika Maltija li l-gvern Nazzjonalista dejjem ħalla lil Paul Xuereb bħala Aġent President, meta kien jistħoqqlu, minn kulħadd li jkun President effettiv. Għalija xejn ma jnaqqasli l-ġieħ lejn Paul, imma għajb għal min warrbu." (korrispondenza miegħi, 22 ta' Awwissu 2019)

Il-Ministru Evarist Bartolo qalli, "Naħseb li kien jistħoqqlu jiġi stmat aħjar mill-Partit Nazzjonalista għax ma kienx bniedem li jobgħod u żgur ħadem biex ikollna pajjiż ħieles, soċjetà demokratika u ġusta fejn il-ġid jilħaq lil kulħadd u kulħadd jiġi stmat bid-dinjità li jixraqlu kull bniedem." (korrispondenza miegħi, 25 ta' Awwissu 2019)



L-Aġent President jilgħab id-drafts f'maratona għall-karità f'każin f'ħAl Qormi, fl-1988

## KIEN MAĦBUB

Is-Sur Alfred Aquilina, li bejn l-1987 u l-1990, kien jorganizza maratona tad-draughts u ċ-ċess b'riżq il-Community Chest Fund, f'Ħal-Qormi, qalli hekk: "Jiena għandi ħafna memorji, tifkiriet u ritratti tiegħu u ta' martu. Kien Aġent President umli ħafna, u kemm dam fil-kariga, dejjem hu u martu kienu jiġu jiftħu din il-maratona, li kienet iddum għaddejja ġimgħa sħiħa, lejl u nhar. Sa persuni neqsin middawl kienu jieħdu sehem fil-maratona. Is-Sur Xuereb kien ġentili ħafna, kien jibqa' magħna jilgħab iċ-ċess u d-draughts. Lili kien ħallieli trofew mogħti lilu minn klabb Belġjan. Bis-saħħa tiegħu kienu jiġu nies minn Malta kollha għall-maratona għax kien maħbub."

*jissokta*


Pawlu Xuereb fl-1969